# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 9 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 43/01 AJD*

Practical Trading Co. Ltd.

vs

Michael Zammit

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Jannar, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltin u tletin centezmu (Lm81.30), bilanc min somma akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugh u kkonsenjat fuq ordni tal-konvenut stess.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru, 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2001, fejn din cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes u l-imghax.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza kif ukoll l-imghaxijiet legali kif mitluba.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR